MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2010

Numru. 303/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**
**KONTRA**

**KEITH CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Keith Camilleri ta' 27 sena, bin Francis u Modesta nee' Cassar, mwieled fl- 14 ta' Awwisu 1982 gewwa Pieta', residenti Kitmel, Triq in- Nahal, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 435882(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar is- 26 ta' Marzu 2010, ghall- habta ta' bejn il- 11.30am u s- 2.30pm gewwa Triq il- Harifa, Qormi, ikkommetta serq ta' vettura tal- ghamla Toyota Hilux (Silver) bin- numru tar- registrazzjoni CAA 753, liema serq hu kkwalifikat bil- valur u bix- xorta tal- haga misruqa;

2) U aktar talli fl- istess data, ghall- habta ta' bejn l-04.00pm u s- 6.00pm gewwa Sphinx Pastizzeria, Triq Misrah il- Barrieri, Santa Venera hedded b' arma li tniggez, taqta' u bil- ponta lil Ruth Debattista;

3) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi bl- imgieba tieghu ikkaguna lil Ruth Debattista tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta' taghha;

4) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' €50, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza;

5) U aktar talli fl- istess dtata, hin, lok u cirkostanzi zamm, garr jew kellu fil- pusses tieghu arma li taqta', tniggez u bil- ponta, minghajr il- licenzja tal- Kummissarji tal- Pulizija;

6) U aktar talli naqas minn li jhares diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta), b' digriet li bih inghata l- helsien mill- arrest;

7) U aktar talli sar recidiv b' diversi sentenzi moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-ammissjoni tal-imputat fl-istadju tal-esami tieghu, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghaldaqstant setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni tieghu, din il-Qorti m’ghandha ebda ghazla hlief li tiddikjara lill-imputat hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u tghaddi biex tikkonsidra s-sentenza fil-konfront tieghu. Essenzjalment, il-kaz hu bbazat fuq zewg incidenti kommessi fl-istess gurnata izda ftit wara xulxin; serq ta’ vettura, u “hold up” b’ arma regolari. Il-Qorti giet infurmata li l-imputat wettaq dawn ir-reati f’ mument ta’ disperazzjoni, u talab li jintbaghat il-habs sabiex ikun jista’ jibda programm ta’ rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga. Fil-fatt kien hu stess li minn jeddu mar ghand il-Pulizija u ammetta l-ghemil tieghu. Ir-reati kommessi minnu huma ta’ konsegwenza serja, u jgibu maghhom piena li, fil-massimu taghha, tista’ teccedi sew id-disa’ snin. Madankollu, il-Qorti tifhem ukoll li l-imputat volontarjament mar l-Ghassa tal-Pulizija u ta ruhu b’idejh, proprju biex ikun jista’ jigi kkundannat mil-Qorti u jibda jservi sentenza ta’ prigunerija. Ghalhekk, in vista ta’ dawn ic-cirkostanzi, Il-Qorti sejra tmur aktar vicin tal-minimum tal-piena, u tenut kont l-aggravanti kollha, inkluz l-addebitu tar-recidiva, u inkluz il-fatt li l-piena xorta ma tistax tinghata fil-minimum taghha, il-perijodu ta’ prigunerija ghandu jkun ta’ tlitt snin. Dan jippermetti bizzejjed zmien biex l-imputat jaghmel il-programm ta’ rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga minn gewwa l-habs, u l-Qorti

tawguralu li jattendi ghal dan il-programm u jtemmu b'success.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271(g), 276, 279(b), 339(1)(d) u (e), 251B, 579(2), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikoli 6 u 51(9) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlitt (3) snin prigunerija.
Il-Qorti inoltre tirrakkomanda lid- Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin (CCF) tassisti lill- imputat biex ikun f'posizzjoni jibda program ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------